MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 96/2010

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremettiet : illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta’ Awwissu 2008; illi l-kontendenti ltaqghu meta l-konvenuta wiegbet ghal avviz li kien gab l-attur fuq magazin li xtaq jiltaqa’ ma tfajla’ illi l-kontendenti bdew jidhlu ghand xulxin gimgha biss wara li ltaqghu l-ewwel darba u kienu johorgu flimkien ta’ spiss akkumpanjati minn omm il-konvenuta ; illi l-partijiet kienu gejjin minn ambjenti differenti kemm f’abitizzjoni u kemm finanzjarju ; illi omm il-konvenuta kienet tissikka hafna lill-konvenuta li da parti taghha kienet

timplorx lil attur biex ifittzu jizzewgu ; illi l-konvenuta dahlet ghal dan iz-zwieg mhux b'imhabba u bil-hsieb li tohloq familja izda biex tehles mir-realtajiet li kienet tghix fihom ; illi l-kontendenti zzewgu bl-ghaggla wara gherusija relattivament qasira ; illi l-konvenuta qarrqet bl-attur meta qaltlu li kienet ghalliema meta fl-istess hin kienet fattiga ; illi l-attur lanqas biss kien jaf ezattament lil min kien qed jizzewweg ghax il-konvenuta wrietu kwalitajiet u partikolaCjiet li fil-fatt ma kellhiex ; illi l-konvenuta kkuntrattat dan iz-zwieg bl-eskluzjoni ta' elementi fundamentali taz-zwieg innifsu ; illi jezistu dubji serji dwar is-sussistenza o meno tal-kapacitajiet volittivi u intellettwali tal-istess konvenuta ; illi bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ebda diskussjoni serja dwar dawk li huma d-dmirijiet, id-drittijiet u r-responsabilitajiet tal-hajja mizzewga ; illi bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm verament dik il-komunjoni ta' hajja illi tikkostitwixxi z-zwieg ; illi l-kontendenti qeghdin jisseparaw bonarjament bil-hsieb li jaqtghu kull kuntatt minn ma xulxin ; illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti huwa wiehed null u bla effett u dan ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali u b'mod partikolari ai termini tal-paragrafi (b) u/jew (d) u/jew (g) u/jew (h) tal-imsemmi artikolu 19 (1) tal Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob lil dina l-Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fid-9 ta' Awwissu 2008 huwa null u bla effett, fil-ligi ; bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-konvenuta li permess taghha tiikkonferma li z-zwieg huwa null u bla effett fil-ligi pero' ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet u mhux lilha biss ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentati;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fi 9 ta' Awwissu, 2009 fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Il-konvenuta ma topponix, u tghid li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu ilhom johorgu sena u tlett xhur flimkien qabel ma zzewgu; l-attur Iltaqa' mal-konvenuta permezz ta avviz fuq gazetta meta kellu 26 sena u hi kella 27 sena ; ghalkemm l-istandard taz-zewg familji kienu ferm differenti, l-konvenuta sa minn qabel iz-zwieg giet moghtija, mill-familjari ta' l-attur, sens ta' familja li hi dejjem xtaqet , billi dawn laqghawa f'darhom u ttratawha hafna tajjeb.

Il-konvenuta tikkonferma li zzewget ghax kienet migbuda lejn l-attur ghax kien tifel sew u serju.

Fil-hajja mizzewga pero' il-folja tbiddlet u l-hajja konjugali damet biss sena u tlett xhur ghax il-konvenuta telqet mid-dar l-aktar meta l-attur skopra li hi kienet giddbitlu u kienet fattiga u mhux ghalliema. Il-konvenuta tghid li dan ghamlitu ghax '*xtaqt inhalli impressjoni tajba mieghu'*…….ma ridetx titilfu u vvintat impjieg – *'bdejt nohrog mieghu bi skop taz-zwieg ghax ridt nitlaq mid-dar tal-genituri tieghi kemm jista' jkun malajr'.*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-partijiet kienu ta' eta matura meta ddecidew biex jizzewgu ;  id-decizjoni li tizzewweg, kif ammettiet il-konvenuta kienet biex titlaq mid-dar u tmur tghix ghar-rasha.  Riedet tghix hajja komda u sabet it-tajjeb.  Kif il-partijiet qablu ma kienx hemm imhabba bejniethom u wisq inqas kommunjoni ta' hajja illi tikkostitwixxi z-zwieg u ghaldaqstant dan iz-zwieg ma setghax jistabilixxi ruhu. Kien zwieg motivat b'interessi egoistici.

Illi jidher li dan iz-zwieg, kien zwieg bla pedamenti – mibni fuq interessi personali

Ghalhekk jikkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* ontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu precita, stante li huma dahhlu f'dan iz-zwieg minghajr ma kienu jafu sewwa lil xulxin,  bir-rizultat li mal-

konvivenza dawn skoprew li huma ma kienux kapaci, mhux biss li jassumu l-obbligi tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal, izda li ma setghux lanqas jghixu taht saqaf wiehed – u dan mill-bidunett taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li ttalbiet ta' l-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeCw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur ; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Awwissu 2008.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------